KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 64

L-erbgħa u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazzetta, Triq Ghar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Vici Sindku |
| | | |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | | |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | | |
| **ASSENTI** | | |
| | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*64.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 63;*
*64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*64.5 Rapporti ;*
*64.6 Items Oħra ;*
*64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*64.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*64.9 Mozzjonijiet ;*
*64.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 64.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

64.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija f'isem il-kunsillieri V.Galea Pace, K.Wain, E.Borg, kif ukoll D.Soler (li xorta waħda kien preżenti). Kien hemm qbil unanimu li jiġu skużati.

## **64.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 63**

64.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa nru 63 intbagħtu qabel il-laqgħa u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati u ssekondaħ il-kunsilliera I.Fenech. Kien hemm qbil unanimu. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 63*

64.2.2 B'referenza għal punt 63.3.10 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bżonn ta' apparat sabiex niftħu fejn hemm il-meter tal-funtana sabiex nieħu reading qabel ma nħallsu. *Johnny Navarro*

64.2.3 B'referenza għal punt 63.3.1 is-Sindku qal illi wara li tkellem mas-CEO ta' IM u mall-Ministru, tkomplew ix-xogħolijiet ġewwa triq il-Kbira. Qal illi l-bankina quddiem il-knisja sar bil-porfido. Il-kunsillier J.Dougall qal illi ma sarux marki.

64.2.4 Is-Sindku qal illi l-fanali li kellom jaslu Malta f'Ġunju, issa se jaslu fit-8 t'Awwissu [ref punt 63.3.3]

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino wasal fis-18:13**

64.2.5 B'referenza għal punt 63.3.16 sar laqgħa oħra mas-CEO tal-Bolt.

Is-Sindku qal illi dejjem kien kontra s-sewqan tal-escooters fuq il-Promenade u issa ġew irraportati scooters ġodda li huma bla liċenżja. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tintbagħat ittra uffiċjali lill-Ministru fejn nitolbu li l-escooters jitilqu legalment minn fuq il-Promenade.

**64.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

64.3.1 Is-Sindku informa li ftit ta' ġranet ilu l-LESA ħadu ħsieb l-infurzar fuq l-A frames u sandwich boards madwar il-lokalita. *Infurzar: A-frames u boards*

64.3.2 Is-Sindku qal illi sfortunatament il-Council Cab għal-lokalita mhix addattata għat-toroq kollha tal-lokalita. Waqt diskussjoni qal illi forsi tintuża għall-manutenzjoni minflok u nixtru waħda ġdida bħala cab. Ittieħdet deċiżjoni sabiex l-ewwel nieħdu ħsieb arranġamenti biex taħdem b'mod eħfef u nieħdu l-feedback tan-nies. *Council Cab*

**Il-kunsillier P.Radmilli wassal għall-ħabta ta' 18:42**

64.3.3 Is-Sindku qal illi The Point Mall jixtiequ jagħtu lura lill-kommunita billi jagħmlu proġett ġewwa x-Xatt ta' open spaces. Project Green lesti joffru siġar għall-istess proġett. Qed nistennew konferma ta' kemm se tiġi tiswa s-CSR. *Project Green*
Is-Sindku qal illi jixtiequ jagħmlu biss tip ta' riklamar. Il-kunsillier P.Radmilli qal il-problema tkun jekk iwaħħlu posters. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi pulizija jistaw jinforzaw ir-regola ta' Stick No Bills.

**64.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

64.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

**64.5 RAPPORTI**

64.5.1 Is-Sindku qal illi kien hemm xogħolijiet ġewwa ġnien Independenza illi saru minn naħa ta' EneMalta minħabba faults, fejn neħħew il-magħdum. Qal dan kienx xogħol il-kuntrattur tagħna. Qal ukoll illi hemm hendge bjanka li tattakaha d-dud u mhix vera li tkun niexfa minħabba nuqqas ta' ilma..

64.5.2 Is-Sindku qal illi t-tender tal-Bulky għada ma ingħalqietx għalhiex membru tal-evalwazzjoni baqa ma għalaqx it-tender. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ngħidulu sabiex ilesti qabel il-laqgħa li jmiss.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux qed jirriferi għall dan l-individwu partikolari, jew għat-tender partikolari, izda d-dewmien għall-evalwazzjoni tat-tender qed tiġi ripetuta bosta drabi. Qal illi ma jfissirx illi jekk 2 mill-evalwaturi jagħmlu l-parti tagħhom tkun lesta, għalhiex mingħajr l-evalwazzjoni sħiħa ma tistax tingħalaq. Dawk it-tenders illi jdumu iżjed minn erbgħin ġurnata sabiex jiġu evalwati ma jistax jiggarantixxi li jkollna dritt inkomplu. Biex tingħata servizz jkollna nkomplu b'tenders skaduti u mhux sew anqas.

Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi għal diversi tenders is-Segretarju Eżekuttiv kien assista biex ikunu jafu kif tintuża s-sistema. Is-Sindku qal fuq dan il-każ partikolari kien konxju li darba l-evalwatur ikkanċella meta kellu jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv peress illi kien ma jiflaħx, biex ra l-istess persuna qed jixtri iżjed tard dakinhar.

Is-Segretarju Eżekuttiv insista li min jidħol għal dawn it-tenders għandu jerfa r-responsabbilta izda qal illi hemm individwi li saru jlestu l-evalwazzjonijiet malajr kemm jista jkun issa u anka b'inqas assistenza milli kien jingħata qabel.

## 64.6 ITEMS OĦRA

64.6.1 Il-kunsillier A.Galea qal illi kuljum qed ikun hemm boroż suwed barra. Is-Sindku qal il-problema taz-zibel qed tippersisti izda l-Kunsill ma jistax jħallas għall-ġabra extra li ma tkunx skond l-iskeda. Żied illi avolja l-kollettur għandu jiġbor il-kartun tal-ħwienet, hemm ċirkostanzi fejn mhux qed jagħmel hekk. Zibel

64.6.2 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal se jsiru 2 attivitajiet flimkien mar-Reġjun. Waħda tinvolvi BMX u Skate Show li se tkun f'Awwissu. L-oħra se ssir nhar id-29 ta' Lulju bejn 6:30am u 9am li tinvolvi HIIT session ġewwa Ġnien Mortimer. Attivitajiet

64.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi fil-laqgħa ta' Mejju kien hemm qbil illi jiġu 2 periti fuq proġetti tal-Kunsill sabiex jagħtu update fuq il-proġetti li qed isiru. Qal ukoll illi għandu jiġi l-Project Manager tal-proġett ta' Norwegian Funds. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien

preżenti online għal dik il-laqgħa u semma li jkun hemm perit u mhux tnejn, izda din ġiet iċċarata wara l-aħħar laqgħa. Għalhekk fil-laqgħa preċedenti kien ġie Perit izda għal-laqgħa ta' Lulju min kelli jiġu kkanċella u oħrajn kien imsiefrin. Kien hemm każ ta' proġett partikolari illi peress illi ma rċevejna l-ebda No Objection mingħand il-Public Works sabiex nissottomettu applikazzjoni mal-Lands, il-Perit kien jiġi għal xejn. Għal-laqgħa oħra ġie innotat illi se nistiednu tnejn.

64.6.4 Il-kunsillier P.Radmilli staqsa jekk il-Kunsill se jappella għall-proġett ta' Fort Cambridge. Kien hemm qbil illi niġbru informazzjoni u stimi ta' kem tista tiġi tiswa l-ewwel. Fuq l-istess punt is-Sindku qal jixtieq informazzjoni dwar x'kien jinvolvi l-iżvilupp tal-proġett għalhiex hemm open space li kella tingħata lura lill-pubbliku. Fort Cambridge

64.6.5 Il-kunsillier P.Radmilli qal ill kien hemm applikazzjoni ġewwa triq San Franġisk fejn residenti talbu assistenza mill-Kunsill sabiex isir appell. Se tintbagħat talba sabiex naraw kemm din se tiġi tiswa qabel ma tittieħed deċiżjoni. Appell: San Fraġisk

64.6.6 Il-kunsillier J.Dougall ilmenta li l-iskips quddiem Giorgio's huma 'eye-sore'. Is-Sindku qal illi l-problema tippersisti għalhiex jingħataw permessi mingħajr ma jsir swill room. Qal dawn l-istabbilimenti għandom jagħmlu skips taħt l-art. Fuq suġġeriment sabiex l-area tingħalaq bl-injam, is-Segretarju Eżekuttiv għaraf illi kull struttura għanda bżonn permess tal-Planning. Is-Sindku qal illi se jkellimhom lil tal-ħwient.

64.6.7 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk ġew approvati il-pontoons. Is-Sindku qal illi le. Ġiet approvata l-lido. Qal illi informat hemm ftehim sabiex il-pontoons isiru ftit metri 'il bogħod imma ma jaf bl-ebda deċiżjoni. Qal illi dawk is-€70,000 illi l-Fortina ħallsu bħala penali, iħoss li dawn għandom jiġu investiti fil-lokalita. Se tintbagħat ittra b'din it-talba. Pontoons

**Il-kunsillier P.Radmilli telaq fit-19:58**

64.6.8 Il-kunsillier D.Muscat ta informazzjoni fuq is-serata Sqaqien illi se ssir fis-26 t'Awwissu 2023.

64.6.9 Il-Viċi Sindku qal illi hemm xi ħofor fir-rampa ta' Sliema Pitch u jekk il-Kunsill jista jassisti. Se naraw x'hemm u fejn qegħdin eżatt

għalhiex parti mill-propjeta hija privata.

**64.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

64.7.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**64.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

64.8.1 L-iskeda ta' pagamenti intbagħatet mad-dokumenti tal-laqgħa. Dawn ġew meħuda bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda kummenti dwar l-iskeda.

63.8.2 Il-Kunsillier D.Soler propona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier D.Muscat issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti.

Approvazzjoni tal-pagamenti

**64.9 MOZZJONIJIET**

64.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**64.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

64.10.1 Is-seduta ntemmet fid-21:00. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-21 t' Awwissu, 2023 fis-6pm

Minuti approvati llum 21 t' Awwissu 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**